# Il-Mellieħa u L-Mużew Għall-Arja Aperta

minn Paul P. Borg

Meta kull sena l-President is-sur Ġużeppi Bartolo jċempilli u jitlobni kitba għall-annwal tal-festa nifraħ ħafna. Imma din is-sena kkonfondejt għax inzertajt imħabbat bil-wisq b'kitbiet oħrajn u l-aktar bix-xogħol u bil-kitba usa' tal-ktieb *QUEST FOR IDENTITY – the mellieħa experience*, li kelli f'idejja. Madankollu qtajtha li nikteb dan l-artiklu li ġej imsejjes fuq suġġerimenti li kont għamilt snin ilu fuq l-istess suġġett f'diversi ġurnali u kotba. F'kitbiet mill-1994 'il hawn ktibt fuq mużewjiet fil-miftuħ kemm lejn il-Mellieħa kif ukoll f'inħawi lejn il-Mosta.

Meta kont iżgħar u sibt żmien twil l-Italja u aktar tard il-Ġermanja nkompli l-istudji tiegħi, kif ukoll meta x-xogħol tiegħi ħadni sikwit f'artijiet oħrajn, sibt quddiemi esperjenzi ġodda li waqqfuni naħseb u nirrifletti dwar modi kif aħna bħala Maltin stajna nitgħallmu aktar u aktar dwarna nfusna, u dwar kif ngħallmu aktar lil uliedna dwar pajjiżna. Rajt liema diterminazzjoni jeħtieġ ikollna biex dak li għandna ma jintilifx, kif inkunu nistgħu inħalluh lil ta' warajna u fuq kollox kif nistgħu niftaħru bħalma jagħmlu ġnus oħrajn b'dak kollu li għandna u b'dak kollu li Alla żejjen lil artna bih!

Fhimt sewwa li ma nistgħux inħallu lix-xjuħ tagħna jmutu bla ma nippruvaw nieħdu ħarira minn dak li jafu: *ma' kull xiħ u ma' kull xiħa li jmutu jintilfu magħhom fil-qabar kotba sħaħ ta' tagħrifiet dwar min konna u dwar kif konna!* Il-bniedem jista' jieħu kemm jiflaħ ritratti imma t-tifkira propja tibqa' l-kelma minn fomm l-imġarrab! Il-letteratura għandha l-ħila li ebda xjenza ma għandha. Il-kif u x'fatta tal-għajxien tal-imgħoddi jrid jittieħed minn fomm l-imġarrab. U jekk lill-imġarrab ma nkellmuhx u ma nisimgħuhx sewwa, jilħaq imut u ftit ftit isiru dawk it-tibdiliet ċkejknin li ma jħallu lil ħadd jintebaħ sewwasew kif konna u kif kien l-ambjent tagħna. Intbaħt li kellu jsir ħafna u ħafna xogħol f'dan il-qasam u l-Mellieħa kienet raħal li qiegħed jitbiddel b'tibdiliet hekk mgħaġġlin! Jekk ma nkunux nafu fejn konna u kif konna u min konna, ma nistgħu qatt nifhmu, u napprezzaw, min aħna u kif sirna dak li aħna. Il-progress jitkejjel meta tqis mnejn tlaqt. Il-qabża kbira takejjilha jekk tkun taf fejn kont qabel u tifhem fejn wasalt issa. B'hekk biss biss wieħed jista' jifhem fejn sejrin u min sa nkunu għada pitgħada.

Is-soċjetà u l-ambjent kienu qed jitbiddlu b'mod li l-istess Melleħin kienu jistgħagbux jaraw dan iseħħ! Il-Mellieħa bdiet tidher mod ieħor. U min jintebaħ qajla kien jaf x'jaqbad jagħmel. Sewwasew bħalma kien qiegħed jiġri madwar Malta kollha kemm hi. Sewwasew bħalma kien qiegħed jiġri madwar il-Mediterran kollu. Sewwasew bħalma kien qiegħed jiġri madwar l-Ewropa kollha u bid-differenza li ħaddieħor kien ilu li beda jiċċaqlaq biex ikun hemm priservazzjoni.


L-Imġiebaħ

Mela kien hemm bżonn mgħaġġel u immedjat biex wieħed ifittex jara x'jagħmel mil-lat letterarju ta' kitba. Tagħrif li jeħtieġ jinġabar minn fomm ix-xjuħ ta' soċjetà li issa ntemmet ħesrem, u kotba jeħtieġ jinkitbu bħala testment meħtieġ lil ta' warajna. Imma t-tibdil ambjentali u soċjali rridu nieħdu ħsiebu aktar! Irid isir aktar milli qed nagħmlu biex ngħożżu l-ġrajja soċjali. Ġa' qegħdin tard u ġa' tlifna ħafna u ħafna kemm mill-ambjent kif ukoll mill-kultura soċjali

qadima tax-xogħol u tal-għajxien! Ir-rota tat-tibdil ma tistenna lil ħadd u mnejn tgħaddi tbiddel, taħsed, teqred u tnessi għal kollox! Kif sa nieħdu ħsiebu b'mod konsistenti u permanenti l-ambjent kulturali u soċjali? X'passi serji nistgħu nieħdu biex ma nitilfux aktar minnu?

## X'inhu Mużew għall-Arja Aperta?

Ma nistax f'kitba qasira ngħid dak kollu li nixtieq, imma tajjeb wieħed jgħid minnufih illi meta pajjiżi ferm akbar minna bħalma huma l-Ġermanja, l-Ingilterra, l-Iżvezja, l-Italja u oħrajn snin twal ilu ntebħu illi għaqda Ewropea tista' toħloq standardizazzjonijiet, jew illixxar ta' kulturi, dawn riedu jaraw x'jivvintaw biex jibqgħu juru li huma *huma*, li huma mhumiex ħaddieħor. Riedu li jsaħħu l-identità tagħhom. Riedu li juru li huma mhumiex ħaddieħor. Rieduha l-għaqda li xi darba kienet ġejja, imma ma riedux fl-istess waqt li jkun hemm min jaħseb li qatt ma kellhom identità tagħhom jew karattru nazzjonali. Riedu jfakkru l-ġrajja soċjali tagħhom. L-identità nazzjonali u l-karattru nazzjonali kienu ta' ħtieġa kbira li akkost ta' kollox ma jintilfilhomx. Il-Ġermaniżi riedu jibqgħu jintgħarfu li huma Ġermaniżi u mhux Ingliżi. L-Iżvediżi riedu li jibqgħu jintgħażlu li huma Żvediżi u mhux Daniżi. Riedu wkoll li l-bqija tad-dinja tkun taf li huma fuq kollox kienu minn qaddishom ħaddiema bil-għaqal, jafu jgħixu, kellhom id-drawwiet soċjali tagħhom, kellhom twemmin u li kienu mexjin 'il quddiem fil-progress tal-bniedem fuq din id-dinja.

## X'għamlu?

Sabu lokalitajiet li kienu aktarx ċentri mgħoddija ta' attività kbira li spiċċat, bħalma kienu ċentri industrijali jew ta' xi kultura u flok qerduhom jew ħallewhom jiżdingaw, żviluppawhom u biddluhom f'mużewijiet li jaħilbu l-flus fl-istess waqt! *Blists Hill Open Air Museum* qrib Telford l-Ingilterra kien ċentru ta' fabbriki kbar tal-ħadid. Fihom mhux biss ippriservaw il-ħwienet tax-xogħol, imma ħolqu villaġġ sħiħ tal-epoka ta' mitejn sena ilu jew aktar billi djar qodma u ħwienet tax-xogħol qodma li ma kienux jintużaw ukoll fi nħawi oħra tal-Ingilterra, qalgħuhom ġebla ġebla, travu travu u reġgħu ramawhom eżatt fi Blists Hill.

Fil-villaġġ li nħoloq biċċa biċċa matul is-snin u li għadu jikber ftit ftit, insibu skola qadima, dar ta' tabib, skarpan qadim, dak li jagħmel ix-xemgħa, ħajjat, tal-ħelu, l-ispiżjar, il-ħajjat, djar qodma, tal-laħam, mastrudaxxa, knisja, ħwienet u kilometri sħaħ ta' raħal sħiħ qadim b'kull ma wieħed kien jiltaqa' miegħu mitejn tliet mitt sena ilu. Kollox tale kwale u kollox awtentiku. Is-siġġijiet qodma użati u migrufin u saħansitra bl-għanqbut max-xkiel u fl-irkejjen! Qrib Birmingham, f'*Tipton*, hemm *open-air museum* imdaqqas ieħor li juri s-soċjetà fl-Ingilterra medjevali. Il-Ġermanja hemm mużew stupend ġo *Hagen* mifrux fuq erja daqs ir-raħal tal-Mellieħa kollha. Raħal sħiħ li bnewh ftit ftit billi ma ħallew lil ħadd ħadd, jeqred bini qadim. Ġarrew bini mhedded mill-iżvilupp lejn Hagen u bnewh hemmhekk eżatt kif kien fis-sit oriġinali. Fi *Frankurt* hemm ieħor. L-Iżvezja għandhom dak ta' *Skansen,* li hu ġojjell ta' dawn il-mużewijiet; kbir, ikkurat, u juri l-ħin kollu snajja' qodma, xogħolijiet qodma u l-bqija. Id-Danimarka għandhom il-*Museet* ġo Kopenhagen, hemm ieħor qrib Frankfurt, hemm oħrajn *Barcellona* fi Spanja u kollha kbar, mifruxin għall-arja qisħom villaġġi sħaħ! U turisti u nies iduru u jitgħallmu.

Xogħol ta' ħidma u organizzazzjoni kbira. Jieħdu sehem f'din il-ħidma studenti universtiarji fi proġetti ta' attenzjoni kbira biex imexxu bini qadim minn post għall-ieħor; jieħdu sehem nies anzjani mid-djar tal-anzjani li jqiegħduhom bħala gwidi, jew lebsin ta' bejjiegħa fi ħwienet qodma flok mitluqin jitgħażżnu fuq sodda. U kull min irid iżur dawn il-mużewijiet iħallas kif għandu jkun biex jitħallsu amministrazzjoni, pjanijiet u aktar xogħlijiet biex jiġu mħarsin il-kultura u t-tradizzjonjiet tal-post. Kull meta mort, sajf jew xitwa, f'kull pajjiż, dejjem kien hemm gliegel u gliegel ta' nies iżuruhom!

## Il-Mellieħa

U hawn tidħol il-Mellieħa. Għaliex il-Mellieħa? Għaliex il-Mellieħa m'għandhiex



Għerien fuq Ġnien Ingraw

tkun hi li tibbenefika minn *open-air museum*? Għaliex m'għandux ikun hemm żoni merfugħin sewwasew għal dan il-għan fil-Mellieħa? F'kitba fuq gazzetta xi snin ilu kont ażżardajt nissuġġerixxi li l-promontorju ta' Selmun kollu kemm hu kellu jkun merfugħ għal dan il-għan biex jintħarsu siti ta' importanza ambjentali naturali u kulturali. Meta nżur l-ġmiel li hemm *f'Wied il-Kalkara* u l-Mistra, ngħid dan jeħtieġ jiġi ppriservat! Hemm imġiebaħ uniċi li juru xena drammatika ta' ħidmet missirjietna, fil-qrib hemm sinjali ċari ta' nies li kienu jgħixu fl-għerien, saħansitra hemm għar li aktarx kien xi sura ta' lok sagru tal-qedem, hemm ħofor fl-art aktarx silos ta' żminijiet preistoriċi, hemm fdalijiet Rumani, hemm aktar oqbra fil-blat, hemm l-istorja ta' Girgor it-troglodita li iddokumenta l-arkeologu Cesare Vassallo, hemm ċnagar u toroq imwasslin lilna minn żminijiet ta' mijjiet u mijjiet ta' snin ilu. Kollox ikkonċentrat. Hemm l-istejjer qodma marbutin ma' dan kollu.

Sit ieħor possibbli huma l-kumplessi ta' għerien fuq *Ġnien Ingraw*, hemm il-wied innifsu li jistgħu ikunu żona oħra ta' konservazzjoini u li tkun imdawra f'mużew għall-miftuħ. Hemm it-tradizzjonjiet, hemm il-kitbiet ta' Omeru u l-ġrajja ta' Kalipso. Hemm l-għerien żdingati u mitluqa li jeħtieġ nirranġawhom u nużawhom sewwa biex niftaħru bihom sewwasew bħalma jagħmel ħaddieħeor.

Nara wkoll possibilta' kbira oħra fil-wied tal-*Imġiebaħ* stess, hemm l-għerien, hemm ukoll it-tradizzjoni tal-Għar ta' Klipso wkoll, hemm l-imġiebaħ qodma ta' ġmiel kbir, hem mill-ballut qadim, hemm l-arkitettura rurali tagħna... turġien fil-ħitan tas-sejjieħ, tlajja u rampi fil-ħitan ukoll... Hemm l-istejjer tal-bdiewa qodma u mejtin li għadna nistgħu nisimgħu għax uħud minnhom b'xorti tajba lħaqna ġbarnihom!

Hemm postijiet oħrajn li jistgħu jitqiesu fil-Mellieħa, siti ta' attività troglodita li qegħdin jitkissru u jiġu vvandalizzati! Kollha mitluqin għal riħhom. Kollha jistgħu jkunu siti possibbli. Hemm xogħol kbir x'jista' jsir. Hemm ħidma kbira li possibbli ssir. Naf li hemm ħafna u ħafna Melleħin mimlijin kilba biex jaħdmu għax mimlijin passjoni storika, oħrajn mgħomija bl-arkeoloġija. Kollha jifhmu l-ħtieġa li ssir xi ħaġa u kollha jemmnu li jista' jsir xi ħaġa. Fuq kollox kollha jemmnu li jistgħu jmiddu għonqhom għax-xogħol għax b'din il-ħidma ma jkunux biss qed jimbuttaw lir-raħal li jħobbu u lill-passjoni li għandhom, imma fuq kollox lill pajjiżhom. Il-Mellieħa u l-ambjent tagħha bix-xagħri, kellha u għandha ħabta li ddakkar ħafna u ħafna żgħażagħ biex iħobbu l-ambjent naturali u kulturali. Wasal il-waqt li jingħata momentum ieħor lil dak li jemmnu fih.

Popeye Village, it-Tunnara u r-Riserva Naturali fl-Għadira ma seħħewx? Mela ejja mmiddu l-passi li jmiss għal ġid tal-ġrajja soċjali u kulturali!

## Għeluq

Xi lokalitajiet oħrajn, ngħidu aħna San Pawl il-Baħar, ġa' ħadu l-inzjattivi u ħolqu proġetti simili u attivitajiet simili. Il-Mellieħa hi raħal mimli nies b'intelliġenza u tenaċità tipika Maltija li biddlet lis-soċjetà rurali f'waħda aktar vibranti u aktar progressiva. Ħafna attivitajiet kulturali u ħafna ħidma dejjem għaddejja. In-nies jifhmu sewwa l-wirt kbir naturali u kulturali li hemm madwarhom. Jeħtieġ jitgħallmuh u jemmnu fih. Jeħtieġ ukoll jieħdu ħsiebu għall-ulied li għad iridu jiġu, u juru lid-dinja li huma ħadu sehem qawwi u sħiħ fl-iżvilupp intellettwali u kulturali tal-bniedem. Hemm siti li juru li l-Mellieħa tinsab f'qagħda mill-aktar ideali li twettaq u tikkollabora ma' lokalitajiet oħra f'proġetti ta' ġid kbir għal Malta kollha. Hemm konċentrazzjoni ta' ġid komuni ambjentali u kulturali u ta' talent u kilba akkademika li ġa' qed jagħmlu xogħol mill-aktar siewi ukoll fil-Mellieħa. Nemmen li dawn il-ħsibijiet dwar mużewijiet għall-arja aperta hemm bżonnhom. Nifhem ukoll li hemm tabilfors ħtieġa ta' fondi; imma nemmen li bħalma pajjiżi oħra waslu aħna għandna nsibu t-triq ukoll biex naslu.

Waqt li kittieb bħali ma jista' jagħmel xejn għajr isensel ħsieb m'ieħor bil-kliem u l-kitba, is-setgħa eżekuttiva tinsab f'idejn il-Kunsill Lokali. Dawn m'humiex proġetti tal-PL jew tal-PN. Lanqas biex jirkibhom jew jistagħna xi ħadd. Il-Kunsill Lokali Mellieħa, bis-Sindku


Sienja f'Qasam Barrani

Robert Cutajar ta xhieda mimlija ħeġġa b'nies li jafu jagħtu riżultat. Imma hu min hu s-sindku u huma min huma l-kunsilliera, dan li qiegħed nissuġġerixxi hu xogħol siewi, meħtieġ u jeħtieġ ippjanar tajjeb. Is-sigriet hu wieħed: hemm bżonn inkunu determinati li nagħmlu ġid lill-karattru nazzjonali, kif ukoll lill-ambjent kulturali u ambjentali 'il fuq minn interessi oħrajn. Mużew tal-ġrajja soċjali mhux dmugħ nostalġiku: hemm bżonn inkunu nħobbu lill-ulied uliedna li lanqas wiċċhom m'aħna sa nilħqu nkunu rajna għax inkunu lħaqna mitna meta jitwieldu, imma sa jkunu huma li jew iberkuna jew li jisħtuna.

## Xi Għanijiet Tal-Mużew Għall-Arja Aperta:

- Tlaqqiegħ flimkien ta' Wirt Nazzjonali, naturali, kulturali, folkloristiku u l-bqija f'żona miftuħa u ndukrata sewwa, u li jipprovdi waqtiet ta' rikreazzjoni u divertiment għal min iżuru u fl-istess ħin ta' tagħlim u priservazzjoni tal-ambjent u l-identità Maltija b'aċċenn għal-lokalità tal-Mellieħa.
- Prinċipju bażiku fl-għarfien u l-priservazzjoni tal-kultura tal-komunità hu l- użu u r-riabilitazzjoni tal-aktar ħwejjeġ ta' karattru tal-istess komunità li jirrifletti karattru jew identità nazzjonali.
- Meta r-raħal jippriserva dak kollu li jfakkru fl-identità tiegħu, ikun qiegħed iwettaq ġid kbir ħalli jippriserva dak kollu li hu Malti u li jagħmel il-Maltin Maltin. Fuq kollox juri li l-Mellieħa ħadet sehem sħiħ fil-mixja tal-progress matul is-snin tal-ġens Malti bħala attività tal-bniedem universali.
- Il-barranin li jżuruna japprezzawna ħafna aktar għax il-barrani dejjem ifittex jara fejn u fiex in-nies tal-lokal huma differenti minnu. Il-karatteristiċi tagħna, il-mixja tal-progress tagħna qegħdin hemmhekk u jeħtieġ illi nagħmlu użu minnhom, niftaħru bihom u nużawhom ukoll għall-istess ġid tagħna.
- Dan Alla tana! M'għandniex muntanji u m'għandniex xmajjar. Lanqas art kbira. Imma dan Alla tana. Ejja nibżgħu għalih dak li għandna, inħobbuh u ngħożżuh.